

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjonalità, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt tiegħu għall-protezzjoni tal-proprietà, tar-reputazzjoni tiegħu u tal-impriża tiegħu. L-impatt tal-atti kkontestati fuq ir-rikorrent huwa estensiv ħafna, f'dak li jirrigwarda l-beni tiegħu, ir-reputazzjoni tiegħu fuq il-livell dinji. Il-Kunsill ma ppruvax li l-iffriżar tal-beni u tar-riżorsi ekonomiċi tar-rikorrent huwa marbut ma', jew iġġustifikat minn għan leġittimu, u inqas u inqas li huwa proporzjonat għal tali għan.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li jekk, kuntrarjament għall-argument prinċipali tar-rikorrent, il-kriterju ta' inklużjoni għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi kwalunkwe imprenditur prinċipali fis-Sirja, indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk dan l-imprenditur huwa b'xi mod assoċjat jew marbut mar-reġim Sirjan, u indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk il-persuna kkonċernata tibbenefikax mir-reġim Sirjan jew tappoġġahx, ir-rikorrent jitlob dikjarazzjoni li l-Artikolu 28(2)(a) tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK u l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 36/2012 huma inapplikabbli sakemm japplikaw għar-rikorrent abbażi tal-fatt li l-kriterju ta' inklużjoni huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet leġittimi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2016 – fleur ami vs EUIPO – 8 seasons design (Lampes)

(Kawża T-67/16) ⁽¹⁾

(2017/C 053/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 111, 29.3.2016

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Diċembru 2016 – Amira et vs Il-BĊE

(Kawża T-736/16) ⁽¹⁾

(2017/C 053/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 475, 19.12.2016.
